Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 548/1982/1

**Vincenzo Grixti, Paolo Micallef, Paolo Pisani u Tony Falzon**
**Vs**
**Carmelo Cortis u b' digriet tal-Qorti tat-28 ta' Lulju 2003 Paul Cortis, Carmen Camilleri, Mary Hurst, Christine Tanti, Alexander Cortis u Doris Micallef gew trasfusi fil-gudizzju stante l-mewt fil-mori ta'Carmelo Cortis**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Billi l-atturi ghandhom bi shab luzzu li huma juzaw ghas-sajd, billi l-konvenut abusivament hadilhom xkatlari u pariti li kienu jahdmu bihom ghas-sajd tal-qiegh u zammhom ghandu perjodu ta' sittax-il xahar;

Billi b'hekk huwa pprivhom mill-uzu ta' l-istess xkatlari u pariti u minhabba f'hekk kienu sofrew danni ghaliex ma setghux jahdmu minghajrhom u wara kellhom ukoll jixtru ohrajn godda;

Billi l-konvenut hu responsabbli ghal dawn id-danni kagunati bl-att illecitu tieghu;

Jghid l-istess konvenut ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. ma ghandux jigi dikjarat responsabbli ghad-danni kagunati lill-atturi billi hadilhom abusivament l-ixkatlari u pariti kif inghad fuq;

2. ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tillikwida l-ammont tad-danni imsemmija sofferti mill-atturi;

3. u ghaliex ma ghandux il-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingiunt ghas-subizzjoni, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' April, 1982.

Bl-imghax legali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Cortis li biha eccepixxu:

1. Preliminarjament, illi Vincenzo Grixti biegh is-sehem tieghu mil-luzzu li kien inxtara mill-partijiet ghal skopijiet ta' sajd, u dan qabel ma nholqu l-kwistjonijiet li taw lok ghall-procedimenti fil-Qorti kontra l-eccipjent u ghal kull waqt iehor rilevanti ghall-perjodu ta' sittax-il xahar imsemmi fic-citazzjoni, u ghalhekk l-imsemmi Vincenzo Grixti m'ghandux interess fil-kawza odjerna u inqas w inqas ma jista' jallega li sofra xi danni bhala rizultat u ghaldaqstant ghandu jigi mcahhad mill-"locus standi judicio" ghar-raguni premessa, bl-ispejjez;

2. Illi preliminarjament ukoll, jekk tigi milqugha l-eccezzjoni hawn fuq esposta, peress li l-Ligi tal-Procedura

titlob li l-attur jew wiehed mill-atturi ghandu, flimkien mac-Citazzjoni, jipprezenta dikjarazzjoni a tenur tal-Artikolu mija w hamsa w hamsin (Art 155), u peress ukoll li d-Dikjarazzjoni giet prezentata u l-kontenut taghha gie mahluf minn Vincenzo Grixti, qed tigi eccepita n-nullita' ta' dik id-Dikjarazzjoni, u kwindi d-difett tal-atti gudizzjarji kollha minnu prezentati kontra l-esponenti, u dana ghar-raguni fuq premessa li Vincenzo Grixti m'ghandux interess fil-kawza, u ghalhekk l-eccipjenti ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi;

3. Illi, fil-mertu, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni hawn fuq sollevati, mhux minnu li l-eccipjent zamm ghandu pariti w xkatlari ghal sittax-il xahar ghad-detriment tal-atturi, ghaliex hu kien debitament u mill-ewwel ikkonsenjahom u ddepositahom taht l-awtorita' tal-Qorti qabel ma bdiet il-kawza quddiem il-Qorti tal-Kummerc riferita fid-Dikjarazzjoni tal-atturi, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, u ghaldaqstant l-eccipjent ma kienx izjed responsabbli ghaz-zamma taghhom minn dak inhar 'il quddiem, u lanqas ghat-tul tal-perjodu ta' sittax-il xahar fuq imsemmi li jirraprezenta z-zmien mehud mill-pendenzi tal-kawza fuq riferita;

4. Illi mhux minnu li l-atturi sofrew danni ghar-raguni li ma setghux jahdmu minghajr il-pariti u l-ixkatlari, ghax dawn fil-fatt ma kienu qatt impeduti mill-eccipjent milli jaghmel uzu minn armar proprju taghhom, mentri min-naha l-ohra kien Vincenzo Grixti nnifsu li, ghad-detriment tal-atturi l-ohrajn, kien sakkar il-garaxx fejn l-atturi kellhom l-armar u fejn l-eccipjent kien qieghed jahdmilhom il-pariti u l-ixkatlar, u cahhadhom milli jkollhom access ghalihom sakemm kien imgieghel jerga' jiftah bl-intervent tal-pulizija;

5. Illi l-atturi ma sofrew l-ebda dannu bl-agir tal-eccipjent, anzi kienu huma li, bl-imgieba taghhom li jirrifjutaw li jhallsu lill-eccipjent tax-xoghol li huwa ghamlilhom u bl-agir taghhom li jonqsu li jhallsuh mill-qabda li kienu jaghmlu, huma arrikkew irwiehhom indebitament a svantagg tal-esponenti;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro talba tal-konvenut li permezz taghha ppremetta u talab hekk:

1. Billi l-esponenti Carmelo Cortis kien ghamel ammont konsiderevoli ta’ xoghol fuq xbiek tal-mazzola u parit fil-garaxx ta’ Vincenzo Grixti li jinsab f’numru tnejn u hamsin (52), Mellieha Heights, San Pawl il-Bahar, u dan fuq inkarigu tal-istess Grixti li kien jissuplixxi l-materja prima u bil-kunsens u konsapevolezza tal-partijiet l-ohra, u dan bil-patt li Cortis jithallas tal-mano d’opera tieghu, u billi xorta baqa’ ma thallas qatt ta’ dan ix-xoghol;

2. Billi l-esponenti, minkejja li mpjega sighat twal ta’ xoghol li matulhom ipproduca kwantita’ sostanzjali ta’ xbiek u pariti li l-valur taghhom jilhaq il-hames mitt lira Maltin (Lm500), xorta wahda ma nghata mill-partijiet l-ebda hlas, u dan minkejja li bonarjament talabhom biex jaghtuh dak li haqqu;

3. Billi l-esponenti giet li ssagrifika hinu biex joqghod fil-garaxx jahdem ix-xbiek u l-parit fuq imsemmi, filwaqt li l-partijiet l-ohra kienu johorgu jistadu bil-frejgatina u l-armar tas-sajd tieghu, bla ma biss qatt tawh xi kumpens ghal dak l-uzu jew qasmu mieghu r-rikavat mill-qabda tal-hut;

4. Billi Vincenzo Grixti abusivament u minghajr jedd zamm fil-garazz tieghu fuq imsemmi xi oggetti u ghodda li ghandhom x’jaqsmu mas-sajd jew l-armar tas-sajd tal-esponenti, u baqa’ jcahhad lill-istess esponenti minnhom minkejja li l-esponenti kien interpellah biex iroddhomlu lura:

Jghidu l-partijiet ghaliex, ghar-ragunijiet imsemmija, (1) m’ghandux jigi dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti li huma responsabbli ghad-danni kagunati lill-esponenti min-nuqqas ta’ hlas da parti taghhom tal-mano d’opera tieghu kif inghad ‘il quddiem, fl-ewwel zewg paragrafi t’hawn fuq, u talli naqsu li jikkompensawh b’mod xieraq mill-qabdiet tas-sajd meta dawn ghamluhom bl-istess armar tal-esponenti; (2) ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tillikwida l-ammont ta’ danni hekk sofferti mill-esponent; (3) ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti

tikkundannahom ukoll li jhallsu l-ammont hekk likwidat lill-esponenti fiz-zmien u fil-modalita' minnha prefissi; (4) ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li Vincenzo Grixti abusivament u illegalment zamm fil-pussess tieghu oggetti li ghandhom x'jaqsmu mas-sajd jew mal-armar u manutenzjoni tal-istess, u li huma proprjeta' tal-esponenti, u (5) ghaliex l-istess Vincezo Grixti m'ghandux jigi kkundannat irodd 'lura lill-esponenti dawk l-oggetti fi zmien qasir u perentorju, jew, fin-nuqqas ta' tali restituzzjoni, li jhallas il-valur taghhom li jigi likwidat mill-istess Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-partijiet, inkluzi dawk ta' zewg ittri ufficjali tad-dsatax (19) t'April, 1982, u bl-ingunzjoni kontrihom ghas-subizzjoni.

Bl-imghaxijiet legali.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat r-relazzjoni tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Philip Manduca minnu debitament mahlufa fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 1998 [Fol.81 – 120];
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat:-

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri bazikament huma li l-kontendenti kienu jiggestixxu flimkien negozju ta' sajd u kellhom luzzu bi shab ghal dan il-ghan.  L-atturi qed isostnu li l-konvenut Carmelo Cortis kien hadilhom xkatlari u pariti li kienu jahdmu bihom u zammhom ghandu ghal perijodu ta' sittax il-xahar; bir-rizultat li minhabba li gew privati mill-uzu ta' dan l-armar necessarju ghax-xoghol taghhaom huma sofrew danni.  Il-konvenut minn naha tieghu, wara li ssoleva diversi punti ta' fatt u ta' dritt, cahad li l-atturi sofrew danni li ghalihom kien repsonsabbli hu.  Inoltre, fil-kontro talba tieghu, jisostni li  huwa kien ghamel xoghol fuq inkariku tal-atturi u li tieghu ma kienx thallas;  di piu' jostni li l-attur Vincenzo Grixti kien zamm ghandu abusivament oggetti proprjeta' tieghu.

Illi l-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-kostatazzjonijiet u konkluzzjonijiet raggjunti mill-Perit Legali fir-relazzjoni tieghu, u salv ghal dak li ser jinghad aktar il' quddiem, tiddikjara li taqbel maghhom. S-segwenti konsiderazzjonijiet huma opportuni:

[1] Illi l-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-Perit Legali li l-fatt sostnut mill-konvenut, u cioe' li Vicnenzo Grixti ma kellux interess fil-kawza odjerna stante li huwa kien bih sehemhu qabel ma nqalghu l-kwistjonijiet, mhuwiex sostnut mill-provi da parti tal-istess konvenut, anzi jinsab kontradett kemm mix-xhieda ta' l-attur Tony Falzon kif ukoll ta' l-istess Vincenzo Grixti. Illi l-istess mankanza fil-provi tezisti rigward l-allegazzjoni l-ohra tal-konvenut li huwa kien iddepozita l-pariti u l-ixkatlari fir-Registru tal-Qorti. Ma ngiebet ebda prova in propositu da parti tal-konvenut, u di piu' anke din l-allegazzjoni tinsab kontradetta mill-provi. Ghaldadaqstant kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut huma insostenibbli.

[2] Illi il-konvenut cahad li l-atturi sofrew danni li kienu attribwibbli ghalih minhabba z-zamma da parti tieghu tal-pariti u xkatlari u b' hekk zammhom milli johorgu jistadu u li konsegwenza ta' dan nefqu l-ispejjez biex akkwistaw ohrajn godda. Il-konvenut jsostni li huwa kien zammhom peress li l-atturi ma kienux hallsuh tax-xoghol li kien ghamel fuqhom fuq in kariku taghhom. F' dan ir-rigward jigi rilevat li mill-provi rrizulta li bejn dawn il-kontendenti kien hemm ftehim fis-sens li l-konvenut kellu jithallas tax-xoghol tieghu mill-qabda tal-hut, ftehim rikonoxxut mill-istess konvenut kif jirrizulta mill-affidavit tieghu tat-18 ta' Novembru 1988. Ghaldaqstant ma tirrizulta ebda raguni valida li kienet tiggustifika l-azzjoni tal-konvenut li jzomm l-ixkatlari u pariti ghad-dannu tal-atturi. Inoltre, anke l-allegazzjoni tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur Vincenzo Grixti li dana kien sakkar il-garage fejn kien hemm l-armar u b' hekk cahhad lill-atturi l-ohra mill-uzu taghhom, anke din hija kontradetta mill-provi. L-attur Tony Falzon[1] jkkonferma li ghalkemm il-garage kien issakkar minn Grixti

[1] Fol.195

"pero' jien u shabi dejjem stajna nidlu peress li konna nitolbu c-cavetta lil Grixti."

In vista tal-premess il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-Perit Legali li, l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut huma nfondati, u li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

[3] Illi l-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-Perit Legali tinsab fil-paragrafu 7.1.3 tar-relazzjoni tieghu [Fols.112 – 115]. Wara spjegazzjoni dettaljata tal-komputazzjoni tad-danni maghmula minnu, il-Perit wasal ghas-somma ta' Lm1,420, li, wara li l-Qorti kkunsidrat l-osservazzjonijiet tal-partijiet maghmula fin-noti rispettivi taghhom, hija propensa li taccetaha. Jigi rilevat pero' li din il-Qorti thoss li r-riduzzjoni ta' din is-somma bl-ammont ta' Lm420 in bazi ghall-konsiderazzjoni li l-atturi naqsu mill-obbligu taghhom li jimminimizzaw id-danni, din ir-riduzzjoni hija piuttost ingenti, u hija tal-fehma li l-ammont ta' Lm300 jkun aktar gust u ekwu fic-cirkostanzi tal-kaz . Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li d-danni dovuti mill-konvenut lill-atturi, ghandhom jigu likwidati fl-ammont ta' elf, mija u ghoxrin liri maltin [Lm1,120].

Illi rigward l-imghax li ghandhu jithallas fuq din is-somma, il-Qorti hija tal-fehma li c-cirkostanzi tal-kaz ma jiggustifikawx li din tiddipartixxi mill-principju generali in illiquidis non fit mora; u ghalhekk l-imghaxijiet fuq din is-somma ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' dan il-gudizzju.

[4] Illi l-kontro talba tal-konvenut hija bazata fuq l-assunzjoni li hu kien ghamel "ammont konsiderevoli" ta' xoghol fuq inkariku espress ta' l-attur Vincenzo Grixti u dak implicitu tal-atturi l-ohra; liema xoghol sar fil-garage ta' Grixti. Din l-assunzjoni tinsab kontradetta mix-xhieda tal-konvenut stess minn fejn jirrizulta li l-ftehim li ghamel il-konvenut kien ma l-attur Grixti biss u l-atturi l-ohra ma kellhomx x' jaqsmu mieghu. Inoltre, l-imsemmi Vincenzo Grixti fix-xhieda tieghu tal-10 ta' April 1991 sostna li l-konvenut kien jahdem l-ixbiek-parit wkoll lil terzi u kien jithallas minghandhom, "tant hu hekk li hu kien jtilaq ix-xoghol taghna u jaghmel ta' haddiehor".

Illi rigward l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur Grixti kien iqabbdu jaghmel xoghol lil terzi u dawn kien ihallsu lil Grixti u hu kien jibqa' b' xejn, jigi rilevat li l-fatt li l-konvenut ma pproduca ebda prova in sostenn ta' dan l-allegat fatt idghajjef it-tesi tieghu f' dan ir-rigward. Inoltre, fix-xhieda tat-22 ta' Ottubru 1992 l-konvenut[2] xehed li huwa qatt ma talab flus lil Grixti. Ghaldaqstant din l-allegazzjoni mhix sostnuta mill-provi.

Illi rigward l-allegazzjoni tal-konvenut li hu kien ghamel xoghol lill-atturi u ma kienx thallas tieghu, issir referenza ghal-ftehim, fuq indikat, li kien sar bejn il-kontendenti fis-sens li l-konvenut kellu jithallas ta' dan ix-xoghol mill-qabda tal-hut. F' dan ir-rigward, kif rilevat mill-Perit legali, il-preponderanza tal-provi hija tis-sens li dana kien ha sehemu mill-qbid tal-hut; minn naha tieghu l-konvenut ma gabx provi sufficjenti biex jostni l-allegazzjoni tieghu li l-atturi ma kienux hallsuh ta' sehemu mill-qbid.

[5] Illi rigward l-oggetti mizmuma ghand l-attur Vincenzo Grixti jigi osservat li jinsab ammess mill-istess li rigward xkatlari twal fuq 336 qama u daqs 700 qama parit "veru li l-konvenut hallihom hemm dak it-tul ta' pariti u xkatlari.."[3] Inoltre, l-allegazzjoni tal-istess Vincenzo Grixti li hu kien baghat dawn l-oggetti lill-konvenut tramite Giuseppi Micallef, ma gietx sostnuta bi provi. Ghaldaqstant ir-raba u l-hames talbiet tal-konvenut rikonvenzjonati ghandhom jigu milqugha, u l-atturi jigu kkundannati jirritornaw dawn l-oggetti, jew fin-nuqqas jhallsu s-somma ta' Lm267.50 valur komplessiv tal-istess.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar il-talba originali, billi tilqa' t-talbiet tal-atturi kif dedotti, tillikwida d-danni sofferti minnhom fl-ammont ta' elf u mitejn lira maltin [Lm1,200], u tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi din is-somma ta' Lm1,200, bl-imghax mid-data ta' dan il-gudizzju. L-ispejjez a kariku tal-konvenut.

---

[2] Fol.107
[3] Fol.89

Tiddeciedi dwar il-kontro talba tal-konvenut billi, tichad l-ewwel it-tieni u t-tielet talba, izda tilqa' r-raba u l-hames talba u tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jirrestitwixxu lill-konvenut l-oggetti elenkati fil-para 15 tal-prospett u xkatlari twal fuq 336 qama u daqs 700 qama parit, jew inkella, fin-nuqqas ta' dan, ihallsu l-valur taghhom ammontanti komplessivament ghas-somma ta' mitejn seba u sittin lira maltin u hamsin centezmu [Lm267.50c], kif indikat fir-relazzjoni tal-Perit Legali [Fol.120]. L-ispejjez jigu spartiti bejn il-partijiet in kwantu ghal tliet parti minn hamsa [3/5] jigu sopporatati mill-konvenut, filwaqt li r-rimanenti zewg parti minn hamsa [2/5] jkunu a kariku tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------